MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Numru. 816/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**DENISE GRECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Denise Grech, ta' 29 sena, bint Martin u Dorothy xebba Caruana, imwielda Pieta' nhar il-15 t'Awwissu, 1983, residenti 7, Sprettu Court, Triq il-Gdida fi Triq San Guzepp, Mosta u detentrici ta' Karta ta' l-Identita' bin-numru: 423183M.

Giet akkuzata talli fi granet differenti fix-xahar ta' Mejju 2013, f'dawn il-gzejjer;

1. b'diversi atti maghmula, ukoll jekk fi zmien differenti, kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2. bhala persuna minghajr awtorizzazzjoni, uzat computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex dahlet f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li nzammu f'dak il-computer jew xi computer iehor, jew uzat, ikkupjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dak;

3. ghamlet output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li kienu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor;

4. ikkupjat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma kien dak li soltu jinzamm fih jew ghal imkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;

5. ippreveniet jew ostakolat d-dhul ghal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

6. hadet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamlet uzu minnhom;

7. installat, nehhiet, bidlet, ikkancellat ghamlet hazna, hassret iddeterjorat, razznet qerdet, varjat jew ziedet ma xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

8. uzat kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postalielettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. KB6 u nnutat li l-imputata Denise Grech m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 337C(1)(a), (b), (c), (d), (f), (g) u (i) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Denise Grech, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputata Denise Grech taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Denise Grech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------